

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 195

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

25 ta' Ġunju 2014

Werrej

#### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 195/01	Rata tal-kambju tal-euro .....	1
---------------	--------------------------------	---

#### V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

##### Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 195/02	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-każ M.7289 — Golden Agri-Resources/Cepsa Química/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	2
2014/C 195/03	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-każ M.7279 — Apollo/ Endemol) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	3
2014/C 195/04	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-każ M.7190 — Bekaert/Maccaferrri/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	4

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE



## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

L-24 ta' Ġunju 2014

(2014/C 195/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3618	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4615
JPY	Yen Ġappuniż	138,80	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,5561
DKK	Krona Daniża	7,4548	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5639
GBP	Lira Sterlina	0,80150	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7012
SEK	Krona Żvediża	9,1516	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 387,00
CHF	Frank Żvizzeru	1,2173	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,3666
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,4852
NOK	Krona Norveġiża	8,3035	HRK	Kuna Kroata	7,5763
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 328,71
CZK	Krona Ċeka	27,443	MYR	Ringgit Malażjan	4,3761
HUF	Forint Ungeriż	305,73	PHP	Peso Filippin	59,788
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	46,0550
PLN	Zloty Pollakk	4,1540	THB	Baht Tajlandiż	44,154
RON	Leu Rumen	4,3865	BRL	Real Brażiljan	3,0212
TRY	Lira Turka	2,9065	MXN	Peso Messikan	17,7300
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4490	INR	Rupi Indjan	81,8714

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.7289 — Golden Agri-Resources/Cepsa Química/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 195/02)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Cepsa Química S.A. ("CEPSA CQ", Spanja), li tappartjeni lill-IPIC Group ("IPIC", Abu Dhabi) u Golden Agri-Resources Ltd ("GAR", Singapor), jakk-wistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Sinarmas Cepsa Pte ("JV", Singapor), sussidjarja li totalment proprjetà tas-sussidjarja ta' GAR, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konċernati huma:

- CEPSA CQ, produzzjoni u bejgħ ta' materja prima biex jagħmlu deterġenti u għall-industrija tal-poliester, kif ukoll kumin, raża tal-fenol u l-acetone għall-manifattura, teknoloġija għolja tal-plastik, fibri sintetiċi, prodotti farmaċewtiċi u lista twila ta' użu aħħari,
- IPIC, investimenti fis-settur tal-enerġija,
- GAR, produzzjoni sostenibbli taż-żejt tal-palm fl-Indonesja, kummerċ u raffinar taż-żejt tal-palm mhux raffinat fi prodotti b'valur miżjud bħal żejt tat-tisjir, marġerina u t-tqassir,
- JV, l-iżvilupp, il-formulazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' alkoħol xaħmi fil-livell globali.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Iżda d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7289 — Project Golden Agri-Resources/Cepsa Química/JV, f' dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.7279 — Apollo/ Endemol)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
**(2014/C 195/03)**

1. Fis-17 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Apollo Management L.P. ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Endemol Holding BV kollha kemm hi ("Endemol", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:
  - għal Apollo: investimenti tal-portafoll,
  - għal Endemol: produzzjoni u distribuzzjoni ta' kontenut għat-televiżjoni.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7279 — Apollo/ Endemol, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.7190 — Bekaert/Maccaferri/JV)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2014/C 195/04)

1. Fit-18 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha NV Bekaert SA ("Bekaert", il-Belġju) u Officine Maccaferri S.p.A. ("Maccaferri", l-Italja), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' S.E.C.I. S.p.A., jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' impriża ġdida li tikkonstitwixxi joint venture ("JV", il-Belġju) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— għal Bekaert: trasformazzjoni ta' wajer tal-azzar u kisjiet,

— għal Maccaferri: inġinerija ambjentali,

— għall-JV: bejgħ u distribuzzjoni ta' diversi prodotti ta' taħt l-art u tħaffir ta' mini u soluzzjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7190 — Bekaert/Maccaferri/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



